MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2001

Numru 585/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexandra Farrugia Mamo)**

**vs**

**Paul Gauci Borda ta' 33 sena, iben il-mejjet Paul u Carmen Cassar, mwieled Attard fit-23 ta' Mejju, 1966 u residenti D'Aniens Flat 1, St Albert Street, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 252366 (M).**

**Illum 11 ta' Gunju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Paul Gauci Borda li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, u cioe fis-26 t'Awissu, 1999 ghall-habta tas-2.30 p.m. gewwa l-Gzira:

(a) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku , jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Mario Azzopardi u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Mid Med Bank u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skrittura jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet tal-Lombard Bank, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti imsemmija u dan bi ksur ta' l-Artikoli 167 u 169 al-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' Lm100 bi hsara ta' La Nocciola, Charles Bonnici u persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 310(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew

ibieghhom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli hu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 12.1.1996 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datat 26 ta' Novembru, 1999 u cioe s-segwenti:

(a) 183, 184 Kap 9;
(b) 167, 169 Kap 9;
(c) 308, 310 Kap 9;
(d) 334 Kap 9;
(e) 49, 50 Kap 9.

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar, 2000 fejn l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Novembru 2000 fejn l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Charles Bonnici direttur tal-Country Style u Nocciola l-Gzira. Xehed li fil-fatt Paul Gauci Borda, cioe l-akkuzat, kien hallsu s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm 100) u ghalhekk gie li hallas ir-res furtiva.

In vista ta' l-ammissjoni tieghu il-Qorti qeghda ssib lill-imputat Paul Gauci Borda hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 310, 334, u 49, 50 tal-Kap 9. Dwar il-piena l-Qorti hasbet fit-tul dwar dik li tkun wahda idonea fil-kaz ta' l-akkuzat, tqis li fil-fatt ikun ghaqli li l-akkuzat jitqieghed taht probation order u dan ghal tliet snin mil-llum u tahtar ghal dan l-iskop lil Marietta Lanzon bil-kundizzjonijiet infraskritti.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.**

**Kumpilazzjoni 585/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexandra Farrugia Mamo)**

**vs**

**Paul Gauci Borda ta' 33 sena, iben il-mejjet Paul u Carmen Cassar, mwieled Attard fit-23 ta' Mejju, 1966**

**u residenti D’Aniens Flat 1, St Albert Street, Gzira, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 252366 (M).**

**Illum 11 ta’ Gunju, 2001.**

**PROBATION ORDER**

Tahtar lil Marietta Lanzon bhala Probation Officer ghal tliet snin mil-llum u dan wara li rat l-artiklu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’dan illi Paul Gauci Borda ghandu jsegwi dawk id-direttivi kollha moghtija lilu mill-Probation Officer.

L-akkuzat ghandu jzomm l-indirizz fejn jirrisjedi u cioe, Flat 1, D’Aniens Court, St. Albert Street, Gzira u jekk jibdel l-indirizz irid javza lill-Probation Officer b’dan il-bdil fi zmien tnax-il siegha.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.